**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1392/2016/1 AF**

**Michael Falzon**

**vs**

**Joseph Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Michael Falzon, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex izomm l-intimat Joseph Bonnici milli jkompli jesegwixxi fil-livelli tar-raba' u l-hames sular tal-blokk ta' appartamenti bl-isem "John Rose" fi Triq l-Istamnar, San Pawl il-Bahar, kwalsiasi xogholijiet ta' kostruzzjoni jew ta' alterazzjoni li strutturali illi b'kull mod li jkun jimpingu fuq jew jostakolaw l-ezercizzju tad-drittijiet ta' koproprjetà, access u uzu li ghandu r-rikorrenti in rigward tal-area tal-kuritur murija bil-kulur isfar fil-pjanta hawn annessa (Dokument A), bhala l-proprjetarju ta' hamsa mill-appartament fil-blokk imsemmi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Joseph Bonnici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti huri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti ssodisfa l-vot tal-ligi kif spjegat aktar 'l fuq meta pprezenta kopja tal-kuntratt li permezz tieghu Raymond Falzon akkwista minghandu stess (Michael Falzon) il-proprjetà mertu ta' dawn il-proceduri. Jidher illi Raymond Falzon akkwista biss dik il-parti tal-arja imberfla bl-ahmar fil-pjanta annessa mal-kuntratt (ara fol. 38). B'hekk ir-rikorrenti jidher mad-daqqa t'ghajn li ghandu tassew l-jedd li qieghed

ivanta fuq il-parti kulurita bl-isfar fil-pjanta annessa mar-rikors promotur.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba kif kontenuta fir-rikors tas-27 ta’ Settembru 2016.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF